MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 161/2009

**A B**

**vs**

**C P D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni barra miz-zwieg li minnha twieled it-tifel minuri taghhom Z, fit-8 ta’ Novembru 2007 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘ZC 1’;
2. Illi l-partijiet ghaddew mill-process ta’ medjazzjoni, izda din ma tatx frott, billi l-partijiet ma setghux jaqblu principalment fuq l-ammont ta’ manteniment li l-intimat ghandu jivversa kull xahar ghall-minuri u fuq il-hlas ta’ l-ispejjez straordinarji u l-ispejjez ghall-edukazzjoni u ghas-sahha tal-minuri;
3. Illi l-intimat huwa persuna li aktar jaghti importanza l-kapricci tieghu ikluz karozzi relattivament gholjin u divertiment milli r-responsabilitajiet tieghu ta’ missier u jippretendi li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ ibnu inqas milli jonfoq petrol fil-karozza tieghu u li jara lill-ibnu meta jkollu aptit bl-iskuza tan-natura tax-xoghol tieghu;
4. Illi fid-19 ta’ Mejju 2009 din il-Qorti, permezz tad-digriet numru 772/09 awtorizzat lir-rikorrenti sabiex tipprocedi b’kawza. Kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘A’;
5. Illi minn mindu l-partijiet itterminaw ir-relazzjoni taghhom u cioe’ minn Lulju tas-sena 2008, il-minuri baqa’ jghix mar-rikorrenti fid-dar tal-genituri taghha;
6. Illi l-intimat jivversa l-ammont ta’ tlieta u disghin Ewro (€93) (ekwivalenti ghal LM 40) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri. Ghalhekk effettivament ir-rikorrenti qed iggorr il-piz finanzjarju fuq spallejha u effettivament qed tmantni t-tifel taghhom u dan meta hi ma tahdimx u dan minhabba l-eta tenera tal-minuri;

Talbet ghar-ragunijiet fuq premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun wahda kongunta, b’dan illi ir-residenza principali tal-minuri tkun ma l-omm;
2. Tiffissa il-granet u l-hinijiet ghall-access li ghandu jaderixxi maghhom il-missier;
3. Tiffissa retta alimentari ta’ manteniment pagabbli kull xahar ghall-minuri, liema manteniment ghandu jkun rivedut kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja. Kif ukoll tipprovdi dwar l-ispejjez kollha relatati mal-edukazzjoni u mas-sahha tal-minuri kif ukoll dawk straordinarji;

Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. ILLI l-eċċipjenti jaqbel li hu u r-rikorrenti li mhumiex mizzewga, kellhom relazzjoni li llum giet terminata u minn din ir-relazzjoni twieled tifel fit-8 ta' Novembru, 2007 li jismu Z;

2. ILLI huwa minnu ukoll li l-partijiet ghaddew mill-process tal-medjazzjoni li sfortunatament kien inkonklussiv minhabba intransigenza da parti tar-rikorrenti u dan qieghed jinghad ghaliex fl-opinjoni tieghu, huma kienu ftehmu dwar kull klawzola kontenuta fl-abbozz imhejji (li kopja tieghu hija hawn anness u mmarkata bhala DOK SPC 1) accetto l-hlas ta' spejjez ordinarji li r-rikorrenti ppretendiet li jithallsu ukoll nofs b'nofs bejniethom meta hija kienet u ghadha tircievi hlas ta' manteniment minghand l-eccipjenti ghall-minuri u li dunque ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez ordinarji konnessi mal-minuri kif normalment isir;

3. ILLI l-eccipjenti jichad li huwa ghandu xi kapricci kif allegat fil-konfront tieghu inkluz ta' karozzi relattivament gholjin jew xi divertiment li jinvolvi xi spejjez straordinarji aktar u aktar meta dan zgur mhux possibbli ghalih appuntu minhabba l-fatt illi huwa ghandu ntrojtu finanzjarju pjuttost limitat bhala kuntistabbli tal-pulizija;

4. ILLI di piu', mhux minnu ukoll illi huwa kien jew ghadu jippretendi li ma jikkontribwixxi xejn bhala manteniment versu ibnu minuri, u dan il-fatt jista' facilment jigi verifikat mill-manteniment li huwa kien u ghadu jhallas lir-rikorrenti ghall-binhom u mill-klawzoli hemm kontenuti fl-abbozz li huwa qabel maghhom, inkluz li jkollu *sleep-overs* ma' ibnu nonstante ibnu ghadu tarbija ta' ftit xhur u dan sabiex bhala missier, huwa jkun jista' jgawdi lill-ibnu;

5. ILLI fil-fehma tieghu, dawn il-proceduri setghu facilment jigu evitati li kieku r-rikorrenti ma komplietx bir-ras iebsa taghha tinsisti ghal xi

haga li m'ghandhiex dritt ghalija galadarba kienet u ghadha tircievi manteniment adegwat ghall-bzonnijiet kwotidjani tat-tifel minuri;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Marzu, 2012, illi permezz tieghu hatret lil Dr Francina Abela bhala perit legali, bis-soliti fakoltajiet;

Rar ir-rapport tal-perit legali, minnha ipprezentat fl-20 ta' Frar 2013;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet lill-avukati difensuri taghhom jittrattaw;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustojda tal-minuri Z D akkompanjata b'talba ghal likwidazzjoni u ordni ghall-hlas ta' manteniment ghall-istess wild da parti tal-intimat. Min-naha tieghu, l-intimat jissottometti li l-proceduri odjerni setghu jigu facilment evitati *stante* li kien hemm ftehim fuq abbozz apparti l-ispejjez ordinarji b'dan ghalhekk li fil-principju jaqbel li ghandu jigi ordnat ihallas manteniment ghal ibnu.

Il-Qorti mill-ewwel tirrileva li kawzi bhal ma hija dik prezenti ghandhom jigu decizi abbazi tal-principju generali tal-ahjar interessi tal-minuri.

**<u>Dwar it-talba ghall-kura u l-kustodja</u>**

Jirrizulta li l-partijiet m'humiex mizzewgin izda, frott tar-relazzjoni taghhom, nhar it-8 ta' Novembru 2007[1] twieled il-minuri Z, liema relazzjoni lllum tkissret b'mod irrimedjabbli.

L-attrici tikkontendi li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun kongunta, b'dan li r-residenza tal-istess minuri tkun maghha. Mill-qari tar-risposta guramentata tieghu jidher li l-intimat m'ghandu ebda oggezzjoni ghal tali talba. Dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li l-istess intimat ma ressaq l-ebda kontro-talba bil-ghan li jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri hu stess b'mod esklussiv. Ghalhekk jista' jinghad li dwar din il-kwistjoni, bejn il-partijiet hemm qbil. Izda l-fatt li hemm qbil ma jfissirx li din il-Qorti trid necessarjament taqta' u tiddeciedi b'dan il-mod. Dan qieghed jinghad ghaliex il-Qorti xorta wahda necessarjament trid tasal ghall-konkluzjoni li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li jkunu taħt il-kura u l-kustodja kongunta tal-partijiet.

Fil-fatt, kif diga' inghad aktar 'il fuq, il-Qorti trid necessarjament tara li l-ahjar interessi tal-minuri huma salvagwardjati akkost ta' kollox u dan

[1] Ara c-certifikat anness mar-rikors promotur bhala Dok. ZN1

anke in vista tal-obbligazzjonijiet internazzjonali li din il-Qorti hija marbuta bihom. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud** (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947) fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon u Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino** (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972) fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***". Il-Qorti ma thossx li huwa l-kaz li tkompli tamplifika b'kazistika li jkomplu jaghti sostenn lil dan l-argument stante li ma tezisti ebda kontestazzjoni dwar fuq x'hiex ghandha tkun ibbazata d-decizjoni tal-Qorti.

L-attrici tghid li l-minuri jghix maghha minn mindu l-partijiet itterminaw ir-relazzjoni taghhom u cioe' minn Lulju 2008. Jigi rilevat li kif tghid tajjeb l-abbli Perit Legali Dr. Fransina Abela, bejn il-partijiet m'hemmx animosita' b'dan li min-naha tieghu l-intimat ghandu interess f'ibnu u fit-trobbija tieghu minkejja li jghix mal-attrici. F'dan il-kuntest kif ukoll mill-kuntest li mill-atti ma jirrizultawx xi fatti li jistghu ifixklu l-hajja jew it-trobbija tal-istess minuri jew li l-minuri ser ikun pregudikat jekk il-kura u l-kustodja tieghu tigi fdata f'idejn iz-zewg genituri, l-Qorti ma tarax ghaliex l-ewwel talba m'ghandhiex tigi milqugha.

**<u>Dwar it-talba ta' access</u>**

Il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva li l-intimat jidher li ghandu interess fil-hajja u t-trobbija ta' ibnu u ghalhekk ghandu jkun hemm sforz da parti taz-zewg partijiet sabiex l-istess minuri jkompli jkabbar ir-relazzjoni li ghandu kemm ma' ommu kif ukoll ma' missieru.

L-abbli Perit Legali, Dr. Fransina Abela, ssostni li l-missier ghandu jkollu access ta' mhux anqas minn darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn kull darba u alternattivament fil-weekend mill-Gimgha filghaxija sal-Hadd wara nofsinhar. Fil-vakanzi tas-Sajf, il-Milied u tal-Ghid il-missier ghandu jkollu aktar access almenu ghal darba ohra fil-gimgha. In eskussjoni, l-istess Perit Legali tispjega li dan l-access gie suggerit tenut kont tax-xoghol tal-intimat u tenut kont ukoll li huwa dak minimu b'dan li jhalli l-opportunita' miftuha sabiex ikun hemm ftehim bejn il-partijiet, specjalment minhabba l-*weekend* u l-festi pubblici, anke minhabba s-*shift* tieghu. Tispjega wkoll li tali access ghandu jigi ezercitat meta l-intimat ma jkunx impenjat bix-xoghol tieghu bhala Pulizija.

L-intimat min-naha tieghu jikkontendi li tali hinijiet m'humiex adegwati minhabba s-*shift* tieghu u ghalhekk jissuggerixxi li l-access ikun wiehed liberu ta' mhux anqas minn tlett darbiet fil-gimgha inkluz *sleepover*.

Il-Qorti tirrileva li tenut kont tal-fatt li bejn il-partijiet hemm relazzjoni tajba u tenut kont ukoll tal-fatt li l-intimat jahdem bis-*shift* ikun ekwu u gust li l-access ghall-missier ikun liberu b'dan li jkun hemm access minimu ta' tlett darbiet fil-gimgha ghal minimu ta' tliet (3) sieghat kull darba bi *sleepover* alternattiv bejn il-gurnata tal-Gimgha sas-Sibt jew mis-Sibt ghall-Hadd. B'dan pero' li f'kaz li ma jkunx hemm ftehim, l-access favur il-missier ghandu jkun bil-mod segwenti:

1. Fil-gurnata li jkun imissu s-*shift* ta' bejn id-9.00pm sal-5.00am, ikollu access ghall-minuri mill-4.00pm sas-7.00pm;

2. Fil-gurnata li jkun imissu s-*shift* ta' bejn il-5.00am sas-2.00pm, ikollu access ghall-minuri mill-4.00pm sas-7.00pm;

3. Fil-gurnata li jkun *off* ikollu access ghall-minuri mill-4.00pm sas-7.00pm fil-granet tal-iskola, jew mid-9.00am sal-6.00pm fil-granet li jahbtu fil-weekend jew meta l-minuri ma jkollux skola;

4. Fil-weekend ghandu jkun hemm *sleepover* b'mod alternattiv mill-Gimgha fl-4.00pm sas-Sibt fl-12.00pm jew mis-Sibt fl-4.00pm sal-Hadd fl-12.00pm, dejjem jekk tali *sleepover* ikun possibbli minhabba n-natura tax-xoghol tal-intimat. F'dawk il-granet meta tali *sleepover* ma jkunx jista' jsir, allura tali dritt ta' *sleepover* ghal dik il-gimgha partikolari jintilef.

**Dwar it-talba ghal manteniment**

Jidher li l-kontestazzjoni magguri bejn il-partijiet hija proprju dik relatata mal-manteniment tal-minuri.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet tal-14 ta' Dicembru 2009[2] u li permezz tieghu l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta' €200 kull erba' (4) gimghat oltre nofs l-ispejjez medici tal-istess wild. Issir referenza wkoll ghar-rapport Peritali u li permezz tieghu l-abbli Perit Legali waslet ghall-konkluzjoni li l-manteniment li ghandu jhallas l-intimat huwa dak ta' mitejn u tletin ewro (€230) fix-xahar li jikkomprendi l-ispejjez ordinarji, medici u edukattivi u li ghandu jizdied skond l-indici tal-gholi tal-hajja kull sena, b'dan pero' li spejjez medici ta' natura straordinarja ghandhom jigu sapportati miz-zewg partijiet b'mod ugwali sakemm il-bzonnijiet medici ma jaqghux taht dawk is-servizzi li l-Gvern joffri minghajr hlas. Hija waslet ghal tali konkluzjoni wara li gie ippruvat li l-intimat ghandu introjtu ta' Kuntistabbli bil-paga bazika tieghu hija dik ta' €1073.50 kull erba' (4) gimghat filwaqt li r-rikorrenti tircievi ghajnuna socjali ta' €302 kull erba' (4) gimghat u s-somma ta' mitejn u tmienja u tmenin ewro (€288) kull tliet xhur bhala *children's allowance*.

[2] Ara a fol 95 tal-process

Fil-mori tal-proceduri, anke permezz tan-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet, jidher li hemm punt ta' divergenza dwar l-impjieg *o meno* tar-rikorrenti b'dan li l-istess rikorrenti ssostni li x-xoghol taghha li tbiegh id-*doughnuts* ghandu jigi approvat mill-Qorti. Huwa importanti li jinghad li l-partijiet m'humiex mizzewgin u konsegwentement m'hemm ebda obbligu ta' manteniment reciproku bejn il-partijiet. Dak li jrid jigi deciz huwa biss il-manteniment ghall-minuri u hadd aktar. Ghalhekk, l-introjtu tal-partijiet huwa biss importanti ghall-finijiet tal-istess manteniment tal-minuri.

Fid-dawl ta' tali provi il-Qorti thoss li fic-cirkustanzi l-manteniment dovut mill-intimat bhala manteniment ghall-minuri hekk kif likwidat mill-abbli Perit Legali u cioe' dak ta' €230 kull xahar huwa wiehed gust u ekwu b'dan pero' li il-Qorti thoss li l-ispejjez relattivi ghas-sahha (sakemm dawn ma jaqghux taht dawk is-servizzi offruti bla hlas mill-Gvern) u l-edukazzjoni tal-istess minuri ghandhom jigu sapportati miz-zewg partijiet b'mod ugwali bejniethom.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dak citat, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Z tkun wahda kongunta bejn il-partijiet;

2. Tilqa' t-tieni talba b'dan li l-access favur l-intimat ikun bil-mod segwenti:

   L-access ghall-missier ghandu jkun liberu b'dan li jkun hemm access minimu ta' tlett darbiet fil-gimgha ghal minimu ta' tliet (3) sieghat kull darba bi *sleepover* alternattiv bejn il-gurnata tal-Gimgha sas-Sibt jew mis-Sibt ghall-Hadd. B'dan pero' li f'kaz li ma jkunx hemm ftehim, l-access favur il-missier ghandu jkun bil-mod segwenti:

1. Fil-gurnata li jkun imissu s-*shift* ta’ bejn id-9.00pm sal-5.00am, ikollu access ghall-minuri mill-4.00pm sas-7.00pm;

2. Fil-gurnata li jkun imissu s-*shift* ta’ bejn il-5.00am sas-2.00pm, ikollu access ghall-minuri mill-4.00pm sas-7.00pm;

3. Fil-gurnata li jkun *off* ikollu access ghall-minuri mill-4.00pm sas-7.00pm fil-granet tal-iskola jew mid-9.00am sal-6.00pm fil-granet li jahbtu fil-weekend jew meta l-minuri ma jkollux skola;

4. Fil-weekend ghandu jkun hemm *sleepover* b’mod alternattiv mill-Gimgha fl-4.00pm sas-Sibt fl-12.00pm jew mis-Sibt fl-4.00pm sal-Hadd fl-12.00pm, dejjem jekk tali *sleepover* ikun possibbli minhabba n-natura tax-xoghol tal-intimat. F’dawk il-granet meta tali *sleepover* ma jkunx jista’ jsir, allura tali dritt ta’ *sleepover* ghal dik il-gimgha partikolari jintilef.

3. Tilqa’ t-tielet talba u tiffissa r-retta alimentari ta’ manteniment favur l-imsemmi minuri fis-somma ta’ mitejn u tletin ewro (€230) fix-xahar oltre nofs l-ispejjez tas-sahha (sakemm dawn ma jaqghux taht dawk is-servizzi offruti bla hlas mill-Gvern) u l-edukazzjoni tal-istess wild.

Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------